MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Frar, 2017

Rikors Maħluf numru: 258/16LM

**Ruben Belli (K.I. 408065M)**

***vs.***

**Yordon Marinov**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Ruben Belli** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fit-30 ta' Marzu, 2016, fejn wara li ppremetta s-segwenti, talab illi din il-Qorti:

1. *Illi fit-30 ta' Mejju, 2015, għall-ħabta tad-9.30p.m., ir-rikorrent kien qiegħed jaqsam Triq il-Fliegu ġewwa Qawra/San Pawl il-Baħar meta l-intimat tajru waqt li dan kien qiegħed isuq vettura tat-tip Fiat Brava bin-numru tar-reġistrazzjoni ADN 104.*

2. *Illi dan l-inċident seħħ tort unikament tal-intimat u dan minħabba nuqqas ta' attenzjoni, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regoli tat-traffiku, u dan kif ser jiġi ppruvat fis-smigħ ta' din il-kawża.*

3. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur sofra diżabilità permanenti fuq persuntu.*

4. *Illi għalkemm interpellat sabiex iħallas kumpens dovut l-intimat baqa' inadempjenti.*

5. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

6. *Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din il-Qorti joġgħobha tiddikjara:*

1. *Tiddikjara illi l-inċident li seħħ għall-ħabta tad-9.30p.m. fit-30 ta' Mejju, 2015 fi Triq il-Fliegu Qawra/San Pawl il-Baħar, fejn safa mtajjar l-attur seħħ tort unikament tal-konvenut, u dan minħabba nuqqas ta' attenzjoni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku.*

2. *Tiddikjara li minħabba dan l-inċident l-attur sofra danni ta' natura permanenti fuq persuntu.*

3. *Tillikwida d-danni hekk sofferti, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi.*

4. *Tordna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta bl-imgħax kontra l-konvenut li minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2016 fejn wara li aċċertat ruħha li l-konvenut **Yordon Marinov** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") kien debitament notifikat u li però ma kienx ippreżenta risposta maħlufa, din il-Qorti ddikjaratu bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat l-atti tal-kawża inklużi d-dokumenti esebiti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2016, fejn il-Qorti ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza, wara li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet, imma dawn naqsu milli jagħmlu dan.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-istitut tal-kontumacja jew kontumelja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni:

> "biex tissussisti l-kontumaċja din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest għalhekk li assenza mill-att trid tiġi konfermata b'assenza wkoll mill-udjenza fis-sens sħiħ tal-kelma" - **Benny Zaffarese *nomine* *vs.* Maximillian Castagna *nomine***, Appell, 30 ta' Gunju, 1997; **Costantino Abela *vs.* George Azzopardi**, Appell, 28 ta' Mejju, 1990). Minn dan jitnissel illi l-kontumaċja strutturalment trid tissussisti kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza;

Dan iwassal għal din ir-riflessjoni l-oħra. "Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok ghall-preżunzjoni tal-abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda, imma, invece, għas-supposizzjoni ta' remissjoni għall-ġustizzja tat-tribunal" (**Kollez. Vol. XLIII P I p 545**). Fi kliem ieħor, l-invokazzjoni tal-principju "*pro contumacies omnia jura clamant*" (Ara **Kollez. Vol. XXI P II p 234**);

Minn dan isegwi illi "l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut" **Giuseppe Wismayer *vs.* Giovanni Magro**, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 (**Kollez. Vol. XXIX P III p 35**). *Una volta* li l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni "l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom" - **Joseph Edmond *sive* Jesmond Mizzi *vs.* Brian u Jeffrey J. Mizzi *nomine***, Appell, 27 ta' Marzu, 1996."[1]

Barra minn hekk ġie ritenut ukoll illi:

"Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni" u "skont kif dejjem ġie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verità tal-fatti". [2]

Illi għaldaqstant fejn tissusisti l-kontumaċja bħal fil-kawża odjerna, l-attur għandu jipprova l-każ tiegħu daqslikieku l-konvenut ikkontesta l-kawża.

---

[1] Appell Ċivili (Għawdex) fl-ismijiet **SMS Insurance Agency Limited *vs.* Irving & Co. Ltd.,** 07.07.2005.
[2] P.A., **Ruth Apap *vs.* Noel Apap**, 30.06.1995.

## Provi u riżultanzi

Il-provi li tressqu mill-attur jikkonsistu f'affidavit tal-attur **Ruben Belli**[3] u ta' martu **Lucy Belli**[4] u f'dokumenti esebiti mill-istess attur konsistenti f'ritratt tat-triq fejn seħħ l-inċident[5], ir-rapport mediku redatt mit-tabib Alec Sultana, speċjalista ortopediku datat 10 ta' Ottubru, 2015[6], kopja tal-*Full Road Accident Report*[7], irċevuti ta' spejjeż li kellu jinkorri l-attur minħabba dan l-inċident[8], il-formoli tat-taxxa fuq l-*income* u *self assessment* tas-snin basiċi 2013, 2014 u 2015 tal-attur u formoli għall-istess snin tar-rendikont tal-VAT[9] tal-attur u dokumenti oħra dwar l-appuntamenti mediċi li l-attur kellu, fosthom mat-Tabib Alec Sultana u l-isptar.[10] L-attur tella' jixhdu wkoll lis-Surġent tal-Pulizija **PS 1557 Bertly Aquilina**[11] li rrediega r-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident, lil **Doris Vella Cassia**, rappreżentanta tal-isptar Mater Dei li esebiet kopja tal-*file* mediku tal-attur[12] u l-kirurgu ortopediku **Mr Alec Sultana**.[13]

Illi l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ is-Sibt 30 ta' Mejju, 2015 fi Triq il-Fliegu, San Pawl il-Baħar meta l-attur kien ma' martu qegħdin jaqsmu t-triq. It-triq fejn seħħ l-inċident tidher li hi relattivament dritta. Il-ħin tal-inċident

[3] *A fol.* 24 u 25.
[4] *A fol.* 65 u 66.
[5] *A fol.* 26.
[6] *A fol.* 4 u 5.
[7] *A fol.* 31 sa 37.
[8] *A fol.* 29, 30 u 46.
[9] *A fol.* 49 sa 64.
[10] *A fol.*27, 28, 38 sa 45 u 47 sa 48.
[11] *A fol.* 69 sa 71.
[12] *A fol.* 73 sa 81.
[13] A fol. 83 u 84.

kien madwar id-disa' u nofs ta' filgħaxija u l-inċident seħħ quddiem is-Santana Hotel, fejn it-triq hi illuminata sew bl-istess *hotel.*

Illi l-attur **Ruben Belli** u martu **Lucy Belli** xehdu li kienu għadhom kif niżlu l-bankina biex jaqsmu bejn żewġ vetturi pparkjati u f'daqqa waħda daħlet minn kantuniera l-karozza li kien qed isuq il-konvenut. Il-konvenut kien għaddej bi *speed* qawwi, tant li qabeż fil-karreġġjata opposta, fejn kien hemm l-attur u martu u bl-i*speed* li kien ġej il-konvenut, l-attur kellu ħin biss li jimbotta lill-mara tiegħu 'l ġewwa u hu ntlaqat in-naħa ta' quddiem ta' irkuptejh bil-*bumper* tal-vettura misjuqa mill-konvenut. Fl-istqarrija li ta l-konvenut **Yordon Marinov** lill-Pulizija wara li rrintraċċjawh, minħabba li l-konvenut meta tajjar lill-attur ma waqafx, jgħid li hu kien qed isuq quddiem is-Santana Hotel u lemaħ erbgħa persuni fit-triq u pprova jevitahom, però laqat wieħed minnhom. Peress li bdew jgħajtu hu beża' u baqa' għaddej u ma waqafx biex jara x'kien ġara.

Illi f'dan l-istadju jkun utili li l-Qorti teżamina x'inhuma l-obbligi tal-*pedestrian* u x'inhuma l-obbligi tas-sewwieq u qiegħda għalhekk tagħmel riferiment għal sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Michele Lanteri *vs.* Alan Spiteri**[14] li għamlet rassenja dettaljata tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar l-imsemmija obbligi:

> "Illi hawn wieħed irid iħares lejn l-obbligi ta' *pedestrian* u l-obbligi ta' sewwieq u ssir riferenza għas-sentenza **Rita Calleja *vs.* Joseph Agius** (PA (JSP) 5 ta' Ottubru,

[14] P.A., 29.02.2012.

1995 – Vol. LXXIX.ii.1277) fejn ġie riaffermat il-prinċipju li:-

> "Jekk *pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun u d-*driver* li jkun qiegħed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'posizzjoni ta' emerġenza subbitaneja minħabba fih, dak id-*driver* m'għandux jiġi tenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontinġenza (**Vol. XXXIX.iv.1031**)."

Illi dwar id-difiża tas-*sudden emergency* ma tistax tiġi sollevata b'suċċess meta kien hemm "qabel" vjolazzjoni mill-parti tad-*driver,* għax allura jkun hu stess li ħoloq l-emerġenza b'dik li tissejjaħ *self-created incapacity* in kwantu li ma setax iżomm *a tempo, stante* li kien miexi bi *speed* żejjed (*vide* **Il-Pulizija *vs.* Capt. Arthur Gera,** 13 ta' Diċembru, 1958).

Illi imbagħad fis-sentenza **Antonella Tonna *vs.* Roderick Gauci *et*.** (P.A. (G.V.) – 8 ta' Ottubru, 2004 - Ċit. Nr: 2025/00/GV) intqal hekk:-

> "Skont il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati ma hemmx dubju li *pedestrian* huwa ntitolat għall-eżercizzju ta' *reasonable care* da parti tad-*drivers*, anke meta jinżlu mill-bankina u jkun fil-*carriageway*, u għalhekk il-fatt li *pedestrian* kien fil-*carriageway* ma jeżonerax lid-*driver* mill-ħtija, jekk dan id-*driver* ma jkunx uża *reasonable care*" (App. Krim **P *vs.* C Demicoli** Vol 37 p 4 p 1157)".
>
> "M'hemmx presunzjoni li *pedestrian* għandu dejjem raġun. Imma lanqas m'għandu jitqies bħala intruż" (App. Civ. **Bongailas *vs.* Mercieca** Vol.L 1 p 15)."

Illi f'sentenza oħra pjuttost riċenti fl-ismijiet **John Ransley *et. vs.* Edward Restall *et*** (P.A. (LFS) – 10 ta' Mejju, 2005 - Cit Nru: 154/02/LFS) ingħad ukoll li:-

> "Dwar il-*pedestrian* jingħad li dan għandu juża l-massimu prudenza meta jiġi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-*Highway Code* jgħidu hekk :-

> *'20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*
>
> *21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear.'*

Il-*pedestrian* suppost li jara vettura ġejja għax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta' *pedestrian* huwa meta jkun għadu kif niżel il-bankina għax jekk ikun kważi qasam it-triq allura d-*driver* ikun kellu possibilità kbira li jilħaq jarah. Li persuna tintlaqat viċin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta' distanza ravviċinata ħafna għall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fl-ismijiet **Micallef George *noe. vs.* Camenzuli Gordon** deċiża fis-7 ta' Ottubru, 1997.

Illi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Mifsud *proprio et. noe. vs.* Tania Craus** (A.C. - 7 ta' Ottubru, 2005 - App. Ċiv 1417/96) ġie osservat:-

> "Illi hu d-dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunament tissejjaħ '*a reasonable look out'*, liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġjonevolment viżibbli…" '*Reasonable look out'* ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun raġjonevolment vizibbli jew aħjar *in plain view* [**Vol. LXXXII.III.322**]. '*The duty to look implies the duty to see what is in plain view' [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec. 54*]. Iżda għalkemm is-sewwieq għandu l-obbligi fuq premessi, anke il-*pedestrian* għandu ċertu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tiegħu, u ċioè qabel ma jaqsam il-karreġġjata."

Illi dwar l-obbligi tas-sewwieq ingħad fis-sentenza ġja ċitata **John Ransley *et. vs.* Edward Restall *et.*** (P.A. (LFS) – 10 ta' Mejju, 2005 - Ċit Nru: 154/02/LFS) fejn ġie kkonfermat li:-

> "Is-sewwieq għandu jipprova jieħu azzjoni evasiva biex jevita li jolqot lill-*pedestrian* u dan speċjalment jekk ma jkunx qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva. Apparti mill-azzjoni evasiva biex ma jolqotx il-*pedestrian*, normalment is-sewwieq jieħu azzjoni relattiva – u ċioè jagħfas il-*brake*

> meta jirrealizza bil-presenza ta' persuna oħra quddiemu. Għandu l-obbligu li jkollu dwal biżżejjed, u aktar ma hemm viżwali limitata għandu aktar ikollu veloċità moderata ħafna. L-istess jingħad jekk it-triq ikollha kunfigurazzjoni li tillimita l-viżwali. Irid ma jeċċedix il-massimu permess mil-liġi dwar veloċità u dan l-obbligu jiżdied jekk ikun qiegħed isuq viċin ta' xi skola, knisja, jew *playing field*. [Ara f'dan is-sens **George Micallef *pro. et. noe. vs.*** **Gordon Camenzuli** deċiża 7 ta' Ottubru, 1997 mill-Onor. Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri.]"

Illi jekk dawn il-prinċipji kristallizzati mill-ġurisprudenza tal-Qrati jiġu applikati għar-riżultanzi mill-provi mressqin f'din il-kawża, il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni waħda, li kien l-agir negliġenti tal-konvenut il-kawża prossima li wasslet għall-inċident mertu tal-kawża. Dan billi kien is-sewqan eċċessiv tal-konvenut li ġabu f'sitwazzjoni li jitlef il-kontroll tal-vettura misjuqa minnu, tant illi mill-karreġġjata li kien qed isuq minnha, baqa' dieħel fil-karreġġjata opposta u ma setax jevita lill-konvenut li kien għadu kif beda jaqsam it-triq, għad li kien rah flimkien ma' tliet persuni oħrajn. Il-konvenut tant kien ġej b'veloċità qawwija li meta laqat lill-attur bil-karozza, tgħajru minn fuq l-art u bid-daqqa l-attur spiċċa fuq karozza oħra li kienet ipparkjata fuq l-istess naħa.  Mill-istqarrija li l-konvenut stess ta lill-Pulizija, hu ra sewwa l-erbgħa min-nies, inkluż l-attur u martu, li kienu fit-triq, però ma rnexxilux jevita lill-attur u spiċċa laqtu bil-*bumper.* L-attur lanqas għamel tentattiv li jagħfas il-*brake* jew inaqqas l-*ispeed* u kien hu l-kawża esklussiva ta' dan l-inċident bit-traskuraġni u s-sewqan eċċessiv tiegħu.

## Danni sofferti mill-attur

### *Damnum Emergens*

Illi l-attur esebixxa għadd ta' rċevuti li juru l-ispejjeż li nefaq minħabba dan l-inċident f'mediċini u visti mediċi. Dawn jammontaw għal **€407.86**.

Illi l-attur xehed li għamel seba' xhur ma jistax jaħdem u l-ħanut li kellu bl-isem ta' Jesmond Sporting Club[15] mar lura ħafna. Mir-*returns* tat-Taxxa fuq l-*income* u *self-assessment,* jidher li minn dan il-ħanut l-attur kellu qligħ ta' €8,102 fl-2013, €10,101 fl-2014 u fl-2015 meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża, kellu qligħ biss ta' €4,813. Din il-Qorti għaldaqstant tikkunsidra li l-attur kellu telf ta' **€6,720** dik is-sena meta tqis li fl-ewwel 5 xhur qabel l-inċident huwa kellu qligħ ta' ftit iktar minn [€4,800 ÷ 5 x 7].

Għaldaqstant bħala ***damnum emergens*** l-attur kellu **€7,127.86 [€407.86 + €6,720].**

### *Lucrum Cessans*

Illi l-attur li għandu karta tal-identità numru 408065M jirriżulta li fid-data tal-inċident fit-30 ta' Mejju, 2015, kellu ftit inqas minn 50 sena. It-telf

[15] Fil-formoli tat-Taxxa fuq l-*Income* n-negozju tal-attur hu deskritt bħala *snooker bar.*

minnu soffert fis-seba' xhur rimanenti tas-sena l-2015 qiegħed jiġi kkalkulat bħala *damnum emergens.* Fis-sena 2016 meta l-attur kellu 50 sena, l-introjtu tiegħu bħala qligħ fis-sena ta' qabel l-inċident kien ta' €10,101.00. Ir-rapport tal-ispeċjalista ortopediku *ex-parte*, Mr Alec Sultana[16] mqabbad mill-attur stess, jasal għal konklużjoni illi l-attur għandu diżabilità permanenti kawża tal-inċident mertu tal-kawża ta' ħamsa fil-mija (5%). Din il-konklużjoni ta' dan l-espert mediku *ex parte* ma ġietx ikkontestata mill-konvenut li baqa' kontumaċi u qatt ma attenda għas-seduti tal-Qorti.

Il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandiex toqgħod fuq il-konklużjoni ta' dan l-espert mediku *ex parte*. Ir-rapport mediku ta' Mr Alec Sultana jagħti lill-Qorti ċ-ċertezza morali illi l-attur qed isofri minn diżabilità konsegwenza diretta tal-ġrieħi li l-attur ġarrab fl-inċident inkwistjoni u mhux minħabba xi kawża oħra:

> *"....A 1 cm. diameter ganglion cyst was found in the intercondylar region of the left knee but this is an incidental finding and has no clinical significance relating to the injury......*
>
> ***CONCLUSION***
>
> *..... Taking everything into consideration, I am of the opinion that he has sustained a 5% (five per cent) permanent disability as a direct result of the injuries he sustained on the 30th, May, 2015."*[17]

---

[16] *A fol.* 4 u 5.
[17] *A fol.* 5.

Għaldaqstant tqis illi l-perċentwal ta' diżabilità permanenti f'dan il-każ għandu jkun dak ċertifikat mill-espert mediku *ex parte* Mr Alec Sultana u għalhekk wara li ħadet inkonsiderazzjoni dawn il-fatturi, ser tgħaddi biex tikkomputa l-*lucrum cessans* li sofra l-attur kawża ta' din id-diżabilità permanenti tiegħu.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali s-somma ta' €10,101 li kienet l-aħħar introjtu ta' sena sħiħa l-aktar viċin ta' meta seħħ l-inċident inkwistjoni. Ma' dan ser iżżid is-somma ta' €1,000 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*, tenut kont tal-fatt illi mill-provi in atti jirriżulta illi bejn l-2013 u l-2015 kien hemm żieda fil-qligħ tal-attur ta' iktar minn €1,000 fis-sena. B'hekk il-qligħ annwali ser jiġi kkomputat fl-ammont ta' €11,101.

Bħala *multiplier* ser jintuża l-perjodu ta' tlettax (13)-il sena, tenut kont tal-età tal-attur fi żmien l-inċident, tal-*working life expectancy* tal-attur f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment, u taċ-*chances and changes of life*.

Il-komputazzjoni tat-telf għandha ssir b'dan il-mod: €11,101 x 14 x 5% = €7,770.70. It-tnaqqis għal *lump sum payment* solitament hu ta' 20%. Għalhekk l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* hu ta' **€6,216.56.**

B'kollox l-attur sofra danni ta' **€7,127.86** bħala *damnum emergens* u **€6,216.56** bħala *lucrum cessans,* b'kollox **€13,344.42.**

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara lill-konvenut Yordon Marinov unikament responsabbli għall-inċident tat-30 ta' Mejju, 2015 fi Triq il-Fliegu Qawra/San Pawl il-Baħar, fejn safa' mtajjar l-attur, u dan minħabba nuqqas ta' attenzjoni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku min-naħa tal-konvenut;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' tlettax-il elf, tliet mija u erbgħa u erbgħin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€13,344.42);**

3. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni kaġunati u likwidati favur l-attur fis-somma ta' tlettax-il elf, tliet mija u erbgħa u erbgħin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€13,344.42)**

**Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza kontra l-konvenut.**

Moqrija.